MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 218/2009

**Angelo u Mansweta *sive* Nancy konjugi Cutajar**

**-vs-**

**Mohammed Touarha**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi huma s-sidien tal-fond ossia appartament internament immarkat bin-numru 7 (sebgħa) formanti parti minn Violet Court fi Triq it-Turisti, Buġibba.

2. Illi permezz ta' skrittura privata hawn annessa u mmarkata Dok. A tas-6 (sitta) ta' Novembru 2006, hawn anessa markata Dok. A, ir-rikorrenti kkonċedew lill-intimat

l-fond numru 7 (sebgħa) formanti parti minn Violet Court fi Triq it-Turisti, Buġibba b'titolu ta' lokazzjoni versu l-ħlas tal-kera fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) ekwivalenti għal mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin Ewro centezmi (€232.94) pagabbli fix-xahar għal perjodu ta' ħames (5) snin.

3. Illi l-intimat ilu ma jħallas l-kera dovut fuq il-fond sovra indikat a bażi ta' l-iskrittura ġia' ndikata, għal dan l-aħħar żmien, u dan *nonostante* l-fatt illi l-intimat ġie mitlub l-istess arretrati u mwissi li fin-nuqqas r-rikorrenti kienu ser jipproċedu għall-iżgumbrament tiegħu u dan sew verbalment kif ukoll permezz ta' ittra hawn annessa u mmarkata Dok. B.

4. Illi *nonostante* l-fatt illi l-intimat ġie mogħti l-*congedo* rikjest mil-liġi, l-intimat baqa' inadempjenti.

5. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167-169A tal-Kodici tal-Proċedura Ċivili.

6. Illi r-rikorrenti jikkonfermaw u jiddikjaraw illi sa fejn jaf hu l-intimat ma għandu ebda eċċezzjoni li jista' jagħti kontra t-talba li qed issir permezz ta' dan ir-rikors ġuramentat.

7. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tordna lill-intimat biex jidher quddiem il-Qorti fil-jum u fil-ħin li tordna din l-istess Onorabbli Qorti.

2. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa għas-smiegħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Proċedura Ċivili.

3. Tiddikjara illi l-intimat huwa moruż fil-ħlas tal-kera u dan bi ksur tal-ftehim tas-6 ta' Novembru 2006 u għal liema raġuni r-rikorrenti huma maħlula mill-obbligazzjonijiet kollha naxxenti mill-istess skrittura bil-

konsegwenza illi l-iskrittura tas-6 ta’ Novembru 2006 hija nulla u bla effett; u

4. Tordna lill-intimat jiżgombra mill-fond numru 7 (sebgħa) formanti parti minn Violet Court fi Triq it-Turisti, Bugibba *stante* illi huwa kiser il-ftehim tas-6 ta’ Novembru 2006 u dan *nonostante* l-fatt illi ġie mogħti kull fakulta’ li jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u dan fi żmien qasir u perentorju li lilu jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi.

**Għal dan il-mottiv, *stante* li t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi.**

**Għall-fini tar-raba’ talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------